MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 447/2010

**Carmelo Dalli** (ID. 458352M)**, Alfred Abdilla** (ID 746354M)**, Carmel A. Attard** (ID. 761460M)**, Paul Busuttil** (ID. 451460M)**, Ivan Calamatta** (ID. 155861M)**, Carmel Cauchi** (ID. 264254M)**, Emanuel Ciantar** (ID. 545354M)**, Emanuel Cini** (ID. 67760G)**, Carmelo Cutajar** (ID. 638356M)**, Alfred Delmar** (ID. 666354M)**, Saviour Farrugia** (ID. 643460M)**, Emanuel Fenech** (ID. 280960M)**, Laura Briffa** (ID. 331360M)**, John Galea** (ID. 537956 M)**, M'Grace Curmi** (ID. 446660M)**, Godwin Ghigo** (ID. 690156M)**, Louis Grima** (ID. 51956G)**, Anthony Lia** (ID. 369081M)**, Mario Mamo** (858154M)**, Alfred Mercieca** (ID. 519356M)**, Anthony Mizzi** (ID. 418755M)**, Joseph M Pace** (ID. 543354M)**, Francis Pavia** (ID. 28659G)**, Joe Pavia** (ID. 106156M)**, John Sammut** (ID. 775860M)**, John Scerri** (ID. 791456M)**, John Sevasta** (ID. 512655M)**, Antonia Zammit** (ID. 198555M)**, Carmel Attard** (ID.443754M)**, John M Bonello** (ID. 558956M)**, Brian Brincat** (ID. 633156M)**, Joseph Cilia (ID.** 629455M)**, Saviour D'Amato** (ID. 1257M)**, Francis Debono** (ID 775156M)**, Carmel Muscat**

(ID. 809756M)**, John Muscat** (ID. 114256M)**, Joseph Muscat** (ID. 700956M)**, Raymond Sant** (ID. 721055M)**, Valentine Sciberras** (ID. 391656M)**, Raymond Scicluna** (ID. 39857M)**, Martin Spiteri** (I.D. 666356M)**, Charles Mansueto** (ID. 349256M)**, Joseph Dimech** (ID. 349656M)**, Domenic Cauchi** (ID 421856M)**, Martin Abela** (ID. 697856M)**, Raymond Agius** (ID. 116956M)**, John Dougall** (ID. 570452M)**, Mario Spiteri** (ID. 440956M)**, Albert Briffa** (ID. 377356M)**, Herbert Busuttil** (ID. 325156M)**, Anthony Farrugia** (ID. 236756M)**, Joseph Schembri** (ID. 156756M)**, Joe Mizzi** (ID. 811656M)**, Mario Micallef** (ID. 625656M)

**Vs**

**Go Plc** (C-22334)

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-3 ta' Mejju 2010, l-atturi ppremettew

*Li huma lkoll impjegati tas-socjeta` intimata Go Plc, qabel maghrufa bhala Maltacom Plc u terga qabel bhala Korporazzjoni TeleMalta, u lkoll dahhlu fl-impjieg fis-sena 1978 jew qabel;*

*Illi s-socjeta` intimata, meta kienet ghada bl-isem ta' Korporazzjoni TeleMalta, u cioe`, fl-1975, u precizament bil-ftehim tat-23 ta' Lulju 1975 (DOK A) maghmul u ffirmat bejn il-Ministru ghall-Izvlupp, il-Korporazzjoni TeleMalta, in-National Association of Clerical and Supervisory Staffs u l-General Workers Union, intrabet illi taghmel ghall-impjegati kollha taghha skema ta' pensjoni simili ghal dik li haddiem il-Gvern, tant illi fl-artiklu 8.1 tal-istess ftehim jinghad :*

*It is understood that the Corporation will introduce a pension scheme similar to that operated by the Government. A special provision will, however, be made to ensure that employees over the age of 50 years at the time of take-over will be entitled to a pension based on their years of service with the Corporation.*

*Il-Korporazzjoni TeleMalta, kif sussegwentament maghrufa bhala Maltacom u finalment Go Plc, naqqset milli timplimenta din l-iskema ta' pensjoni a favur l-impjegati taghha, inkluz dawk hawnekk rikorrenti, u ghada sal-llum qed tirrifjuta illi taghmel dan, anke jekk sezzjonijiet ohra ta' haddiema, fosthom dawk li huma ex-Cable & Wireless Limited ottenew sentenza tal-Qorti favur taghhom, deciza favur taghhom anke mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Lulju 2008 (Cit. 480/2002) li permezz taghha il-Qorti ddikjarat illi dawk il-haddiema kienu intitolati ghall-pensjoni non-kontributorja;*

*Illi l-esponenti gew b'hekk mcahhda mid-dritt taghhom ghal pensjoni li twieldet mal-ftehim hawn fuq msemmi u li ghadu jghodd sal-llum.*

*Illi di piu`, l-Korporazzjoni TeleMalta, fl-istess zminijiet tal-ingagg tal-esponenti mal-Korporazzjoni, kienet ingaggat haddiema ohra fi gradi diversi imma bl-istess recruitment process, u fil-letter of appointment taghhom, kuntrarju ghall-letter of appointment tal-esponenti, intqal lilhom illi l-kariga kienet tikkwalifikhom jiehdu sehem fl-iskema ta' pensjoni li l-Korporazzjoni kien behsiebha taghmel.*

*Illi n-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-hawn fuq msemmi ftehim, allura in-nuqqas ta' mekkanzimu sabiex l-esponenti igawdu ukoll minn pensjoni non-kontributorja, u jekk inhu il-kaz, id-dritt ghal tali pensjoni illi jistghu qed jew ser igawdu haddiema ohra siehba tal-esponenti fl-impjieg taghhom mal-Korporazzjoni TeleMalta, sussegwentament Maltacom Plc u finalment Go Plc, ukoll u lkoll impjegati qabel is-sena 1979, sew jekk b'sentenza tal-Qorti u sew jekk le, tikkostiwixxi att diskriminatorju kontra l-esponenti, oltre` ksur tal-kuntratt/ftehim milhuq fl-1975 kif hawn fuq*

*msemmi, u konsegwentament ksur tal-kuntratt tax-xoghol tal-esponenti ukoll.*

*Illi s-socjeta` intimata giet interpellata, kemm b'ittra legali tal-5 ta' Ottubru 2009 u ohra tat-3 ta' Novembru 2009 u kif ukoll b'ittra ufficjali tal-1 ta' Marzu 2010, b'dan pero` illi s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti.*

***Ghaldaqstant**, din l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba sabiex, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, prevja kull dikjarazzjoni li tista` tkun opportuna illi tinghata minn din l-Onorabbli Qorti, inkluz imma mhux limitatament illi s-socjeta` intimata qed tagixxi b'agir diskriminatorju kontra l-esponenti,*

*1. **Tiddikjara** illi s-socjeta` intimata Go Plc ghandha timplimenta l-ftehim hawn fuq msemmi anke fil-konfront tar-rikorrenti, bl-istess mod u bl-istess kejl kif qed taghmel mal-haddiema l-ohra impjegati ma' dak iz-zmien Korporazzjoni TeleMalta qabel is-sena 1979, hekk kif inhuma l-esponenti, f'kull kaz a bazi tal-paga u z-zmien ta' servizz rispettiv ghall-kull rikorrent.*
*2. **Tillikwida**, jekk hemm bzonn bil-hatra ta' perit nominandi, kull somma li tista` hija spettanti lir-rikorrenti ai termini tal-ewwel talba.*
*3. **Tikkundanna** lis-socjeta` intimata, sabiex thallas lir-rikorrenti dik is-somma li tigi hekk likwidata ai termini tat-tieni talba.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta` intimata u b'rizerva ghal kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti, inkluz dik ghad-danni skond il-ligi*.

**<u>Risposta mahlufa tas-socjeta konvenuta GO Plc</u>**

*Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghar-ragunijiet segwenti :-*

*1. Illi fl-ewwel lok l-azzjoni saret intempestivament billi bl-eccezzjoni ta' Norman Saliba, l-atturi ghadhom*

*impjegati mas-socjeta konvenuta u ma rtirawx mill-impjieg taghhom.*

*2. Illi subordinatament u minghajr pregiudizzju ghall-premess, l-ebda wiehed mill-atturi ma ghandu dritt kuntrattwali li jintitolah jesigi hlas ta' pensjoni non kontributorja minghand is-socjeta konvenuta. Il-kuntratt ta' impjieg ta' kull wiehed mill-atturi ma jaghti ebda dritt ghall-hlas ta' pensjoni filwaqt li l-ftehim li kien sar fit-23 ta' Lulju 1975 kien sar specifikament sabiex jirregola d-drittijiet u beneficcji spettanti lill-haddiema tal-Cable & Wireless u meta dawn l-istess haddiema gew assenjati lill-Korporazzjoni Telemalta li twaqqfet fil-1975 u li effettivament hadet f'idejah l-operat tal-Cable & Wireless. Ma hemm xejn fl-imsemmi ftehim li b'xi mod jobbliga lis-socjeta konvenuta li jipprovdi skema ta' pensjoni lill-haddiema kollha li gew impjegati minnha wara l-1975 u li ma kienux haddiema tal-Cable & Wireless u kwindi l-atturi ma jistghu jivvantaw l-ebda dritt jew beneficcju minn kuntratt li sar bejn terzi.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, isegwi illi mhuwiex minnu illi l-agir da parti tas-socjeta konvenuta fil-konfront tal-atturi huwa diskriminatorju.*

*4. Illi subordinatament u minghajr pregiudizzju ghall-premess, il-ligi vigenti fiz-zmien li gew impjegati l-atturi ma kenitx tipprojbixxi illi haddiema jigu impjegati b'kondizzjonijiet ta' impjieg differenti minn dawk ta' haddiema ohra tal-istess employer.*

*5. Illi subordinatament it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-artiklu 2156 (a) u/jew (f) tal-Kodici Civili .*

*6. Illi subordinatament u minghajr pregiudizzju ghall-premess, u f'kaz biss illi dina l-Qorti tiddeciedi illi s-socjeta konvenuta hija tenuta li twaqqaf skema ta' pensjoni a beneficcju tal-atturi, kwalunkwe skema ta' pensjoni tista' titwaqqaf biss bl-approvazzjoni tal-Awtorita ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u dan konformament mal-Att li Jirregola Fondi Specjali ( Kap. 450 tal-Ligijiet ta' Malta)*

*b'dan ghalhekk illi l-ewwel talba hija legalment insostenibbli.*

*7. Illi subordinatament u minghajr pregiudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma legalment insostenibbli stante li jekk jigu milqugha jikkostitwixxu ksur ta' ligijiet ta' ordni pubbliku u senjatament l-Att dwar is-Sigurta Socjali ( Kap. 318) u l-Att dwar is-Sigurta Nazzjonali tal-1956 ( Kap. 147) li jirregolaw u/jew kienu jirregolaw l-ammont massimu ta' pensjoni li persuna tista' tircevi.*

8. *Illi f'kull kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt*.

Permezz ta' twegiba ulterjuri prezentata fis-7 ta' Novembru 2012 il-konvenuta ddikjarat li l-azzjoni tal-atturi hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili.

Il-qorti semghet il-provi, rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet u semghet ukoll it-trattazzjoni tad-difensuri.

Il-kaz jitratta dwar skema ta' pensjoni li l-kumpannija konvenuta introduciet wara sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Lulju 2008 fil-kawza **Francis Paris et vs Maltacom plc** (480/2002). Skema ta' pensjoni li kienet tissemma f'kuntratt iffirmat fit-23 ta' Lulju 1975.

**Intempestivita' tal-azzjoni**.
Il-konvenuta eccepiet li l-azzjoni hi intempestiva, bl-eccezzjoni tal-kaz ta' Norman Saliba, ghaliex l-atturi ghadhom impjegati mas-socjeta konvenuta.
Mid-dokument a fol. 39 jirrizulta li l-atturi ghadhom impjegati tal-konvenuta, bl-eccezzjoni ta' John Dougall u Carmelo Dalli li l-lehqu l-eta pensjonabbli. L-atturi qeghdin jitolbu lill-qorti sabiex:-
1. Tikkundanna lill-konvenuti jimplimentaw il-ftehim tal-1975 fil-konfront taghhom.
2. Tillikwida l-ammont li jispetta lill-atturi u tikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont li jigi likwidat.
Jidher ghalhekk li l-ghan tal-atturi hi li permezz ta' din il-kawza jithallsu l-pensjoni non-kontributorja gialadarba

jippretendu li l-ftehim tat-23 ta' Lulju 1975 japplika wkoll fil-kaz taghhom. L-atturi ma llimitawx ruhhom ghal talba dikjaratorja u hu evidenti li l-ghan ahhari taghhom hu lil jithallsu somma flus.
Diment li l-atturi ghadhom fl-impieg, m'ghandhomx dritt jippretendu hlas ta' pensjoni. It-talba biex jithallsu hi prematura ghaliex dak li kull wiehed minnhom qieghed jippretendi jikkoncerna l-posizzjoni tieghu ladarba jirtira mis-servizz ghaliex ikun lehaq l-eta' pensjonabbli. F'dan l-istadju m'huwiex maghruf min mill-atturi ser ikun ghadu qieghed jahdem mal-konvenuta meta jilhaq l-eta' pensjonabbli. Ovvjament dan ir-ragunament ma japplikax ghall-atturi Dougall u Dalli ghaliex skond it-taghrif moghti diga' lehqu l-eta' pensjonabbli. Ghalkemm fl-eccezzjoni l-konvenuta rriferiet ghal Norman Saliba, jirrizulta li dan l-attur ghadu wkoll ma lehaqx l-eta' pensjonabbli (fol. 39).
**Preskrizzjoni**.
Din l-eccezzjoni ma tistax tregi, u anzi hi inkompatibbli mal-ewwel eccezzjoni li tat il-konvenuta.
Hu wara li l-impjegat jirtira li jista' jibda azzjoni biex jithallas il-pensjoni non-kontributorja. Ghalhekk il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dak iz-zmien.
Fir-rigward tal-atturi Dougall u Dalli, it-terminu sabiex jitolbu l-hlas, anke jekk japplikaw il-provvedimenti li ccitat il-konvenuta, zgura li m'ghaddewx meta tqies id-data li rtiraw mix-xoghol.
Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

**Ftehim tat-23 ta' Lulju 1975 (fol. 5)**.

Il-ftehim sar bejn:

*"[….] the Minister of Development, the Chairman of the Telemalta Corporation and the National Association of Clerical and Supervisory Staffs and the Port and Transport Section of the General Workers' Union* ***respresenting employees formerly employed by Cable and Wireless Limited, now taken over by the Government****"* (enfazi tal-qorti).

Hu ghalhekk evidenti li l-ftehim gie ffirmat fl-interess tal-impjegati tal-Cable and Wireless Limited li kienu ser

jibdew jahdmu mal-Koporazzjoni Telemalta, u mhux tal-impjegati kollha kif l-atturi pprovaw jaghtu x'jifhmu fir-rikors guramentat u fil-parti ntestata **Fatti** tan-nota ta' sottomissjonijiet. Fil-kuntratt hu espressament dikjarat li l-General Workers' Union[1] qeghda tidher fl-interess tal-haddiema tal-Cable and Wireless Limited. Ghalhekk m'huwiex korrett li jinghad li *"TeleMalta intrabtet illi taghmel ghall-impjegati kollha taghha skema ta' pensjoni simili ghal dik tal-Gvern"*[2].

Klawzola tmienja (8) titratta dwar il-pensjoni:

*"8.1 It is understood that the Corporation will introduce a pension scheme similar to that operated by the Government. A special provision will, however, be made to ensure that employees over the age of 50 years at the time of take-over will be entitled to a pension based on their years of service with the Corporation.*

*8.2. Where a former Cable and Wireless employee dies in the service of the Corporation before the introduction of a pension scheme, the Corporation may grant to his widow, or if his widow has predeceased him, to his minor children, a gratuity of an amount not exceeding his annual salary including any cost of living increases."*.

Il-ftehim gie ffirmat biex jindirizza s-sitwazzjoni ta' dawk l-impiegati tal-Cable and Wireless Limited li fuq decizjoni tal-Gvern kienu ser jibdew jahdmu mal-Korporazzjoni Telemalta li twaqqfet proprju fl-1975 (Att XVI ta' l-1975).

Saret riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Francis Paris et vs Maltacom plc** (480/2002) deciza fis-7 ta' Lulju 2008. Il-kaz kien jitratta impjegati tal-Korporazzjoni Telemalta li qebel kienu jahdmu mal-Cable and Wireless Limited. Il-Qorti tal-Appell qalet:-

*"L-atturi ex dipendenti tad-ditta "Cable and Wireless" gew, fil-1975, assorbiti biex jahdmu mal-konvenuti u* ***ghalhekk***

[1] In-National Association of Clerical and Supervisory Staffs kienet parti mill-General Worker's Union.
[2] Pagna 6 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi.

***kien sar il-ftehim in kwistjoni** li kien jinkludi l-imsemmija klawsola 8.”* (enfazi tal-qorti) [3] .
Fil-fehma ta’ din il-qorti l-atturi m’ghandhomx dritt jippretendu li l-ftehim tat-23 ta’ Lulju 1975 kien gie ffirmat fl-interess tal-impjegati kollha tal-Korporazzjoni Telemalta. Fil-fatt fin-nota ta’ sottomissjonijiet li pprezentaw fit-30 ta’ Marzu 2012 jidher li fehemu dan tant li qalu:-

*“**Koncess illi fil-kaz tar-rikorrenti f’dik il-kawza kien hemm ftehim**, koncess ukoll illi haddiema ohra kellhom specifikatament imnizzel fil-letter of appointment taghhom illi kellhom jiehdu l-pensjoni non-kontributorja illi t-TeleMalta kellha twaqqaf”* (enfazi tal-qorti)[4].

**<u>Dritt tal-atturi li jgawdu mill-istess Skema ta’ Pensjoni bhal dawk il-haddiema li qabel kienu jahdmu mal-Cable and Wireless Limited u saru impjegati tal-Korporazzjoni Telemalta</u>**.

M’hemmx kontestazzjoni li l-atturi kollha gew impjegati fl-1978 u fl-ittra ta’ hatra m’ghandhomx imnizzel li ser igawdu mill-iskema ta’ pensjoni li tissemma fil-ftehim tat-23 ta’ Lulju 1975.

Jirrizulta li kien hemm numru ta’ impjegati ohra li ma kienux impjegati tal-Cable and Wireless Limited li fl-ittra tal-hatra taghhom kien jinghad: *“Din il-kariga tikkwalifikak biex tiehu sehem fl-iskema ta’ pensjoni li l-Korporazzjoni behsiebha taghmel”* (fol. 223)[5].
L-atturi qeghdin jippretendu li ghandhom igawdu mill-istess skema ta’ pensjoni bhall-atturi fil-kawza 480/2002 meqjus li:-
i. L-atturi bdew jahdmu mal-Korporazzjoni Telemalta qabel l-1979 meta giet introdotta l-ligi tal-pensjoni obbligatorja;
ii. Kienu kollegi tal-atturi fil-kawza 480/2002;
iii. L-atturi huma l-unici haddiema li m’humiex igawdu minn pensjoni non-kontributorja.

---

[3] Pagna 47.
[4] Pagna 9 tan-nota.
[5] Ara deposizzjoni ta’ Edmond Brincat, fis-seduti tas-17 ta’ Marzu 2011 u tal-14/10/2011.

Fin-nota ta’ sottomissjonijiet l-atturi qalu li ghandhom *‘legitimate expectation’*. Il-qorti taqbel mal-konvenuta li dan l-ilment m’huwiex inkluz fil-kawzali tar-rikors guramentat. Il-qorti trid tiddeciedi l-kawza fuq l-ilment kif propost fir-rikors guramentat u mhux f’nota ta’ sottomissjonijiet. F’dan ir-rigward l-ilment tal-atturi, kif propost fir-rikors guramentat, huwa li ‘l fatt li m’huwiex jigi mplementat l-ftehim tat-23 ta’ Lulju 1975 fil-konfront taghhom:-

*“tikkostitwixxi att diskriminatorju kontra l-esponenti, oltre’ ksur tal-kuntratt/ftehim milhuq fl-1975 kif hawn fuq imsemmi, u konsegwentement ksur tal-kuntratt tax-xoghol tal-esponenti ukoll”*[6]*.*

Fir-rikors guramentat l-atturi jaghtu x’jifhmu li kienu parti ghall-kuntratt tat-23 ta’ Lulju 1975. Fl-istadju tat-trattazzjoni qeghdin issa jinvokaw il-principju tal-*legitimate expectation*.

F’kull kaz il-principju ta’ *legitimate expectation* ma jistax ikun ta’ konfort ghall-ilment tal-atturi ghaliex il-kuntratt ta’ Lulju 1975 sar ghall-ex impjegati tal-Cable and Wireless Limited. L-intenzjoni li tigi ntrodotta skema ta’ pensjoni u li l-Qorti tal-Appell kkonkludiet li kien obbligu, saret fit-termini tal-kuntratt tat-23 ta’ Lulju 1975. Kuntratt li l-atturi ma kienux parti ghalih. Wiehed ma jistax jinsa r-retroxxena wara dak il-kuntratt. Jekk kien hemm xi hadd li kellu *legitimate expectation* kienu l-impjegati li qabel kienu jahdmu mal-Cable and Wireless Limited li sabu ruhhom jahdmu mal-Korporazzjoni Enemalta. Kif ser jinghad iktar ‘il quddiem fis-sentenza, fil-perjodu li gew impiegati l-atturi ma kienx ghad baqa’ l-intenzjoni tal-Korporazzjoni li tintroduci skema ta’ pensjoni ghall-haddiem taghha, ghaliex il-jedd ta’ pensjoni kien ser jigi stabbilit b’ligi. Mela f’dak iz-zmien zgur ma jistax jinghad li kien ghad baqa’ *legitimate expectation* min-naha tal-atturi. Inoltre, ir-riferenza li l-atturi ghamlu fin-nota ta’ sottomissjonijiet dwar l-applikazzjoni ta’ dan il-principju fir-rigward tal-

[6] Ara rikors guramentat fol. 3, tieni paragrafu.

adozzjoni ta' *policy* minn awtorita' pubblika m'ghandha x'taqsam xejn ma' klawzola numru 8 tal-kuntratt.

L-atturi ghamlu wkoll riferenza ghall-Artikolu 27 ta' l-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452)[7], li jipprovdi:-

*"Impjegati fl-istess klassi ta' impjieg ghandhom id-dritt ghall-istess rata ta' rimunerazzjoni ghal xoghol ta' valur ugwali"*.

Fil-ligi m'hemmx definizzjoni tal-kliem *"rata ta' rimunerazzjoni"*. Il-qorti hi tal-fehma li dan il-kliem ghandu jinghata tifsira iktar wiesgha minn paga ugwali, meqjus:-

i. Fl-istess provvediment jinghad ukoll:-

*"B'dan illi principal u haddiem jew union ta' haddiema b'rizultat ta' negozjati ghal ftehim kollettiv jistghu jiftiehmu dwar skali ta' salarji, zidiet annwali u* ***kundizzjonjiet ta' xoghol ohra differenti*** *ghal haddiema li jkunu impjegati fi zmienijiet differenti, liema skali jkollhom massimu li jintlahaq wara zmien stabbilit"* (enfazi tal-qorti).

Bil-kliem *"u kundizzjonijiet ta' xoghol ohra differenti"* jidher li l-legislatur ma riedx jillimita l-provvediment ghall-hlas ta' salarju biss.

ii. Il-konvenuta ssostni li l-interpretazzjoni ghall-kelma rimunerazzjoni ghandha tkun ristretta ghall-pagi u salarji u ma tinkludix skemi ta' pensjonijiet. Jekk kien hekk mela r-raguni tghidlek li l-legislatur kien juza l-kelma **paga** (***wage***) li fl-Att hi definita bhala:

*"paga" tfisser rimunerazzjoni jew qligh, li jithallsu minn principal lil impjegat u tinkludi kull bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 minbarra kull bonus jew allowance relatati mal-esekuzzjoni tax-xoghol jew mal-produzzjoni*.

[7] XXIII tal-2002

iii. F'Artikolu 2 tal-Konvenzjoni numru 100 tal-International Labour Organisation (1951) li titratta *Equal Remuneration for Men and Women Workers* (ILO 100) jinghad:

*Each Member shall, by means appropriate to the methods in operation for determining rates of remuneration, promote and, in so far as is consistent with such methods, ensure the application to all workers of the principle of* ***equal remuneration for men and women workers for work of equal value****.*

F'Artikolu 1 il-kelma *remuneration* tinkludi:-

*"the ordinary, basic or minimum wage or salary and any additional emoluments whatsoever payable directly or indirectly, whether in cash or in kind, by the employer to the worker and arising out of the worker's employment"*[8].

Certament li hlas ta' pensjoni taqa' tah t din id-definizzjoni. Saret riferenza ghal din il-Konvenzjoni internazzjonali in sostenn tat-tezi li l-kelma **rimunerazzjoni** ghandha tifsira wiesgha. Hu minnu li dik il-Konvenzjoni giet introdotta sabiex ma tipermettix diskriminazzjoni fuq bazi ta' sess, pero b'daqshekk ma jfissirx li t-tifsir tal-kliem ghandu jkun limitat ghal dik it-tip ta' sitwazzjoni.

L-Artikolu 27 m'huwiex jindirizza tip ta' diskriminazzjoni partikolari, ezempju jekk l-impjegat hijiex mara jew ragel. Hu provvediment li jistabbilixxi regola generali li impjegati li jaghmlu xoghol ta' valur ugwali *"ghandhom id-dritt ghall-istess rata ta' rimunerazzjoni"*. Regola li fil-fehma tal-qorti hi ta' ordni pubbliku.

Kien wara s-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju 2008 li l-konvenuta ntroduciet skema ta' pensjoni. Ghalhekk ma kenitx skema ta' pensjoni li l-konvenuta ntroduciet minn jeddha bil-ghan li twettaq xi

[8] Definizzjoni li tista' tghid hi identika ghall-kelma *"pay"* fl-Artiklu 157 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea li jistabilixxi l-principju ta' paga ugwali ghall-irgiel u nisa ghal *"equal work or work of equal value"*.

diskriminazzjoni. Inoltre, dak li sar kien fis-snin sebghin meta l-ligi ma kienet timponi l-ebda restrizzjoni fuq il-principal. Wiehed ma jistax jinsa dan il-fattur. Hu minnu li l-effett qieghed jinhass illum, pero min-naha l-ohra wiehed irid jiftakar li:-

i. Il-konvenuta ntroduciet l-iskema tal-pensjoni wara s-sentenza tas-7 ta' Lulju 2008. Dan ma ghamlitux minn jeddha imma minhabba li giet ordnata biex taghmel hekk minn qorti;
ii. M'hemmx prova li wahda mill-kondizzjonijiet tal-impieg tal-atturi kienet li jgawdu mill-iskema ta' pensjoni li jidher li fl-1975 il-Korporazzjoni kellha l-hsieb li twaqqaf. Tant dan hu minnu li fil-kaz tal-atturi ma tissemma mkien.

Fl-Artikolu 27 tal-Kap. 452 il-ligi stess tikkontempla l-possibilita' li principal u haddiem jiftehemu dwar kundizzjonijiet ta' xoghol differenti ghal haddiema li jkunu impjegati fi zminijiet differenti. Ghalhekk hi l-fehma tal-qorti li l-atturi ma jistghux jinvokaw l-ewwel parti tal-Artikolu 27 meqjus li:-

i. Il-kuntratt tat-23 ta' Lulju 1975 jirreferi ghall-impjegati ta' Cable and Wireless Limited li gew assorbiti mill-Korporazzjoni Enemalta, u li gew ingaggati f'dati differenti minn dik tal-atturi[9].
ii. Fil-kors tal-gbir tal-provi ssemma wkoll li kien hemm zewg impjegati li fl-ittra ta' hatra kien jinghad espressament li l-kariga tikkwalifikahom biex jiehdu sehem fl-iskema ta' pensjoni li l-Korporazzjoni kienet behsiebha tintroduci (14 ta' Dicembru 1977, ara fol. 223)[10]. Il-hatra taghhom kienet tipprecedi dik tal-atturi.
iii. M'hemmx prova li wara l-kuntratt tat-23 ta' Lulju 1975 sar xi kuntratt iehor li bih dak il-kuntratt sar applikabbli ghall-haddiema kollha tal-Korporazzjoni rrispettivament taz-zmien meta bdew jahdmu mal-Korporazzjoni;

---

[9] Fl-affidavits ta' whud mill-atturi saret riferenza ghal terzi u kkonfermaw li d-data ta' ingagg taghhom tigi qabel dik tal-atturi.
[10] Ara xhieda ta' Jack Calamatta (seduta 13/5/2011) u wkoll ta' Edmond Brincat (seduta 14/10/2011).

iv. Id-data ta’ ingagg tal-atturi kienet bejn l-24 ta’ April 1978 u l-1 ta’ Settembru 1978. M’hemmx prova li fid-dati li gew impjegati l-atturi kien gie ngaggat xi mpjegat li qieghed igawdi mill-iskema ta’ pensjoni ntrodotta mill-konvenuta wara s-sentenza tas-7 ta’ Lulju 2008.

L-atturi qeghdin jilmentaw li l-konvenuta qeghda tiddiskrimina mal-konvenuti. Skond l-Artikolu 2 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452):

*"trattamenti diskriminatorju" tfisser kull distinzjoni, eskluzjoni jew restrizzjoni li ma tkunx gustifikabbli f’socjetà demokratika inkluza diskriminazzjoni fuq il-bazi tal-istat konjugali, tqala, jew tqala potenzjali, sess, kulur, dizabilità, twemmin religjuz, opinjoni politika jew shubija fi trade union, jew f’assocjazzjoni ta’ principali”*.
F’dan il-kaz m’hemmx xi diskriminazzjoni kontemplata f’din id-definizzjoni. Is-sitwazzjoni tal-atturi m’ghandha x’taqsam xejn ma’ dik tal-atturi fil-kawza 480/2002 li kellhom ftehim *ad hoc*. Il-konvenuta ghamlet riferenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-7 ta’ Lulju 2008:
*“Ghalhekk in generali jista’ jirrizulta li hemm agir diskriminatorju jekk* ***kazijiet ugwali*** *jew persuni f’sitwazzjoni ugwali jigu trattati b’mod differenti u inoltre ma jkunx hemm bazi oggettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti”*.
Il-kondizzjonijiet ta’ impieg tal-atturi ma kienux bhal dawk tal-atturi fil-kawza 480/2002, li bdew jahdmu fi zmien differenti minn dik tal-atturi u li kienu diga’ qeghdin jahdmu ma’ kumpannija li ttiehdet mill-Gvern. Mela ma jistax jinghad li hemm agir diskriminatorju ghaliex il-kazijiet m’humiex ugwali. L-istess jinghad fir-rigward taz-zewg impiegati li fl-ittra ta’ hatra taghhom jinghad li jikkwalifikaw sabiex jiehdu sehem fl-iskema ta’ pensjoni li kienet behsiebha taghmel il-Korporazzjoni, in kwantu dawn kienu mpiegati ftit xhur qabel l-atturi meta kien ghad hemm l-intenzjoni li tigi ntrodotta skema ta’ pensjoni mill-Korporazzjoni. L-atturi ma taw l-ebda prova dokumentarja li din il-kondizzjoni kellha tapplika wkoll fil-kaz taghhom, u anzi mix-xhieda ta’ Salvino Fenech jirrizulta mod iehor. Fuq bazi ta’ probabilita’ din ma ssemmitx fil-kaz tal-atturi

intenzjonalment ghaliex sa dak iz-zmien kien hemm indikazzjonijiet cari li ser ikun hemm bdil fil-ligi tal-pensjoni fis-sens li impiegat kien ikun intitolat ghall-pensjoni kontributorja taz-zewg terzi. F'dan ir-rigward issir riferenza ghal dak li qal Salvino Fenech[11] li kien beda jahdem mal-Korporazzjoni f'Ottubru 1975. Ix-xhud spjega kif l-ghan originali kien li titwaqqaf skema ta' pensjoni mill-Korporazzjoni bhal dik li kienet tapplika ghall-impiegati tas-servizz pubbliku. Fil-fatt ikkonferma li kienu bdew jahdmu fuqha fl-1977 (fol. 208); *"Allura ahna bdejna nahdmu ghall-pensjoni ghal dawk li kienu impiegati tat-Telemalta kemm ex-Cable u dan jew li gew minn barra biex ikollhom l-istess pensjoni bhal ma kellna ahna"* (fol. 209). Kompla jghid li kien gie mhabbar li l-Gvern kien ser jintroduci l-iskema taz-zewg terzi:-

*"Niftakar zgur li kienet xi s-78 ghax il-pension scheme tal-Gvern kollha giet introdotta, jekk minhiex sejjer zball, dejjem fil-bidu tan-1979. Jigifieri f'dak il-perjodu. U dak kien annunzja sa fejn naf jien hafna zmien qabel sakemm tidhol u kollox. Imbaghad ….. gejna fuq il-Board u rajna u ghidna mhix prattika u waste of money li taghmel il-pensjoni meta l-haddiema kollha ser ikollhom two thirds hux jigifieri. Ma kienx hemm skop li taghmilha. Imbaghad kien hemm decizjoni tal-Board li qbilna, imbaghad konna avzajna ufficjalment lill-GWU u sa fejn naf jien kienu qablu"* (fol. 210).

F'dan ix-xenarju l-indikazzjoni hi li ma kienx ser ikun hemm bzonn li l-Korporazzjoni tintroduci skema ta' pensjoni ghall-impiegati gialadarba l-ligi stess kienet ser tipprovdi, kif fil-fatt gara f'Jannar 1979 cjoe' ftit xhur wara li l-atturi bdew jahdmu mal-Korporazzjoni. Tant dan hu minnu li l-istess xhud ikkonferma li meta sar l-ewwel ingagg ta' impjegati kien hemm klawzola fuq l-iskema tal-pensjoni li l-Korporazzjoni kellha l-hsieb li twaqqaf, izda mbaghad ma baqghetx titnizzel wara li l-Gvern kien habbar li ser issir ligi li tiggarantixxi pensjoni taz-zewg terzi lill-haddiemha (fol. 212). Dan jikkonferma li fiz-zmien li gew impiegati l-atturi ma kienx ghad baqa' l-intenzjoni li l-Korporazzjoni twaqqaf skema ta' pensjoni ghall-haddiema tal-Korporazzjoni. Ghalhekk l-atturi ma jistghux

[11] Seduta tat-13 ta' Mejju 2011.

jghidu li l-iskema ta' pensjoni li tissemma fil-kuntratt tat-23 ta' Lulju 1975 kellha tapplika ghalihom ukoll, peress li meta gew impiegati ma setax kien ghad hemm l-aspirazzjoni li l-Korporazzjoni tintroduci skema ta' pensjoni bhal dik li fl-1975 kienet tapplika ghall-haddiema tal-Gvern.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet[12] l-atturi qalu li *"L-esponenti gew f'sitwazzoni fejn filwaqt illi l-haddiema l-ohra kollha tas-socjeta Go plc gja Maltacom plc gja Korporazzjoni TeleMalta sejrin igawdu minn pensjoni non-kontributorja, huma ma humiex ser igawdu minn tali pensjoni…"*. M'huwiex minnu li l-iskema tal-pensjoni oggett tal-kawza 480/2002 kienet applikabbli ghall-impiegati kollha tal-konvenuta hlief ghall-atturi. Anzi l-iskema ta' pensjoni kienet, wara sentenza tal-Qorti, applikabbli ghal numru definit ta' impiegati.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni fir-rigward tal-atturi Carmelo Dalli u John Dougall.**

**2. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni fil-konfront tal-atturi l-ohra u tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward taghhom.**

**3. Tichad l-eccezzjoni u eccezzjoni ulterjuri (7 ta' Novembru 2012) li l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) u 2143 tal-Kodici Civili.**

**4. Tilqa' t-tieni eccezzjoni, tielet u raba' eccezzjoni u tichad it-talbiet.**

**Spejjez a karigu tal-atturi hlief ghall-ispejjez relatati mal-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni li ghandha taghmel tajjeb ghalihom il-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---

[12] Ara fol. 4.

---------------------------------TMIEM---------------------------------